- *transazzjoni – element ta'*
- *transazzjoni f'sens improprju u wiesa*
- *aċċettazzjoni ta' ħlas għas-saldu*
- *nuqqas li jsir depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Rikors Nru. 428/2017GM**

**Charmaine Muscat (KI371073M)**

**vs**

**Mario Cutajar bħala Segretarju Permanenti Ewlieni**

**Joyce Dimech bħala Segretarju Permanenti (Strateġija u Implimentazzjoni)**

**Review Board fi ħdan il-Grievance Unit imwaqqaf biex jitħarreġ talbiet mressqa fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru**

**Awtorita' tal-Ippjanar, għal kull interess li jista' għandha**

**Seduta ta' nhar is-17 t'Ottubru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat imressaq mill-attriċi fis-17 ta' Mejju 2017 li permezz tiegħu talbet, *ai termini* tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta lil din il-Qorti tiddikjara illi d-deċizjoni meħuda mir-Review Board kif kkomunikata lir-rikorrenti permezz tal-ittra tat-30 ta' Novembru 2016, hija *ultra vires* u b'hekk nulla u invalida u mingħajr effett u konsegwentement tingħata effett sħiħ id-deċizjoni tal-Grievance Unit tat-8 ta' Jannar 2016;

Rat li permezz ta' provvediment mogħti waqt l-udjenza tal-04.07.2019 il-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti s-Segretarju Permanenti Ewlieni u s-Segretarju Permanenti (Strateġija u Implimentazzjoni) u tar-Review Board fi ħdan il-Grievance Unit imwaqqaf biex jistħarreġ talbiet imressqa fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru kif ukoll ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta l-oħra l-Awtorita` tal-Ippjanar;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti kollha minbarra l-Awtorita` tal-Ippjanar u dik responsiva tal-attriċi dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija;

Ikkunsidrat:

Illi effettivament, iż-żewġ eċċezzjonijiet iqanqlu l-istess kweżit u ċjoe` li l-attriċi aċċettat il-ħlas li sarilha u li dan isarraf fi tranżazzjoni;

Illi l-ġrajjiet rilevanti għal din l-eċċezzjoni żvolġew kif ġej:

1. B'ċirkolari maħruġa mill-intimat Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Nru 4/14) datata **5 ta' Frar 2014** (Dok A) twaqqaf *Grievance Unit* sabiex jilqa' u jistħarreġ talbiet li jiġu mressqa

quddiemu minn uffiċjal jew impjegat pubbliku li jħossu aggravat b'xi inġustizzja li tkun saret miegħu, u sabiex, f'każ illi tali unit isib illi l-ilment mressaq ikun ġustifikat, allura jagħmel rakkomandazzjonijiet intizi biex jissewwew dawk l-inġustizzji.

2. Fost it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmija ċirkolari, kien hemm illi tali applikazzjonijiet/ talbiet kellhom isiru **sa mhux aktar tard mill-10 ta' Marzu 2014,** u l-iskop tal-eserċizzju kien espress bħala *"f'każ ta' talbiet ġustifikati, jagħmlu rakkomandazzjonijiet intizi biex jissewwew dawk l-inġustizzji.* L-attriċi ressqet l-ilment tagħha b'ittra tagħha datata **27 ta' Frar 2014** (Dok B).

3. Il-*Grievance Uni*t stħarreġ l-ilment, li ngħata in-numru (GRIEV/MECW/79/2014), u fit-**8 ta' Jannar 2016** (Dok C) iddikjara li: *"saret inġustizzja mal-applikanta meta kienet l-unika kandidata għall-post u xorta ma mgħatatx il-post. Il-Unit jikkonkludi illi l-applikanta ma tistgħax tingħata l-post ta' HR Manager billi sussegwentement ingħata lil persuna oħra u dan huwa post uniku.* ***Għalhekk jirrakomanda li hija għandha tingħata l-grad ekwivalenti b'effett minn 2007 meta ħareġ ir-rizultat."***

4. Din id-deċiżjoni ġiet riveduta mir-Review Board fid-**19 ta' Lulju 2016**; l-Awtorita` ġie infurmata fit-**12 t'Awwissu 2016**.(fol 102).

5. In segwitu għal din id-deċizjoni, l-attriċi ngħatat il-grad ekwivalenti kif rakkomandat mill-Grievance Unit peress illi kienet b'suċċess ikkonkorriet għal post ieħor fil-istess grad, tpoġġiet fl-ogħla skala tal-grad tagħha.

6. L-attriċi rċeviet €88,368.82 l-arretrati tal-paga permezz ta' direct debit fil-kont bankarju tagħha u ta' benefiċċji oħra fil-payslip datata **7 ta' Settembru 2016** intestat "Pay arrears" (fol 29). Skopriet illi kienet tħallset anqas minn dak li kienet qed tistenna – effettivament €5,983.48 inqas – ara fol 88) Meta indagat dwar dan mal-HR/Accounts Department tal-Awtorita` konvenuta, ġiet infurmata mill-HR tal-Awtorita` li ġew imħallsin l-arretrati sa minn Marzu 2008 (meta ntela l-post ta' HR Manager) u mhux minn Novembru 2007 (meta ħarġu r-riżultati). Dakinhar li rċeviet il-ħlas, l-attriċi ma ndunatx minnufih li s-somma li rċeviet kienet għal perjodu inqas minn dak rakkomandat mill-Grievance Board (fol 67). Appena ssusspettat li kien hemm xi ammont nieqes, ikkomunikat mal-persuna li kienet tieħu ħsieb il-pagi fl-Awtorita` u din infurmata bid-deċiżjoni tar-Review Board (fol 68). Talbet tara din id-deċiżjoni iżda ġiet riferuta għall-OPM (fol 68).

7. L-attriċi kkomunikat mal-Grievances Unit permezz **ta' ittra tat-23 ta' Settembru 2016** (Fol 99)

8. Wara li għamlet dan, **f'Jannar 2017** rċeviet ittra tal-intimat Segretarju Permanenti (Strateġija u Implimentazzjoni), datata **30 ta' Novembru 2016** (Dok D). B'din l-ittra, hija ġiet mgħarrfa illi r-rakkomandazzjoni ġiet "riveduta" minn Review Board: "*Ir-Review Board għaldaqstant jasserixxi li l-MEPA għandha tesegwixxi r-rakkomandazjoni mogħtija mill-Grievance Unit izda d-data tal-ħatra għandha tkun l-istess bħal tal-persina li kienet inħatret u mhux mid-data ta' meta ħareġ ir-rizultat. Dan sabiex ikun hemm konsistenza mad-data ta' meta effettivament saret 'ħatra' fil-kariga HR*".

9. B'ittra tat-**12 ta' Jannar 2017** l-attriċi ilmentat dwar din id-deċiżjoni (Dok E).

10. L-attriċi ilmentat dwar dan, mhux biss fil-mertu għad-deċizjoni meħuda bl-ittra msemmija Dok D, izda ukoll u primarjament, għaliex, "*dan kollu sar meta hija ma kienet mgħarrfa b'xejn minn wara darha, u kwindi mingħajr id-dritt illi tressaq rapprezentazzjonijiet tagħha*" Dok E, u talbet il-kanċellament tad-deċizjoni tat-30 ta' Novembru 2016 u tingħata effett sħiħ lid-deċizjoni tat-8 ta' Jannar 2016, b'dan illi r-rikorrenti titħallas id-differenza fl-arretrati.

11. Billi l-konvenuti ma tawhiex widen, ipprezentat ittra uffiċjali fl-**10 t'April 2017,** li ġiet debitament notifikata (Dok F);

Ikkunsidrat:

Illi skont l-Art. 1233(d) tal-Kodiċi Ċivili, moqri flimkien mal-Art. 1719(1) tal-istess Kodiċi, it-transazzjoni għandha, taħt piena ta' nullita`, issir permezz t'att pubbliku jew skrittura privata. F'dan il-każ, il-partijiet ma ffirmaw l-ebda att pubbliku u lanqas skrittura privata. Għalhekk, jekk talbilħaqq kien hemm transazzjoni, din hija nulla għaliex nieqsa minn rekwiżit formali impost tassattivament mil-liġi għall-validita` tagħha. Dan hu kkonfermat minn dawn il-Qrati:[1]. Anke t-Trabucchi, li jikkummenta fuq il-liġi Taljana, jgħid li *"La transazione non puo' essere provata con testimoni; richiede la prova scritta"*[2]

Illi l-Qorti, li trid timxi strettament mal-limiti tal-kontestazzjoni kif posti mill-azzjoni u mill-eċċezzjonijiet li jsiru għaliha, tista' – anzi għandha - tieqaf hawn

---

[1] Joseph Micallef noe vs Raymond Vella 8 ta' Marzu 1991 –Vol.LXXV.i.380

[2] *Alberto Trabucchi* fil-trattat *Istituzioni di Diritto Civile* (pagni 851;852). Iċċitat minn Macpherson Meditteranean Limited vs J. Lautier Co. Limited P.A. (RCP) – 1 ta' Ottubru 2002.

sabiex ma taqax fil-vizzju tal-*extra petita.* B'danakollu tixtieq tippuntwalizza dan li ġej, kemm għall-fini ta' kjarezza kif ukoll għaliex jista' jkun li l-konvenuti ma kinux qegħdin jirreferu għat-transazzjoni fis-sens legali tal-kelma – għalkemm wieħed jistenna li atti kkonfezzjonati minn avukati jużaw il-kliem bi preċiżjoni tekniko-legali u mhux fis-sens popolari tiegħu:

1. ***kawża mibdija jew li tkun sejra ssir***

Fi kliem il-leġislatur innifsu, "**It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi ħaġa li jagħtu, iwiegħdu, jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija, jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir".** F' **"John Camenzuli vs Av.Dottor George Degaetano et noe"** (15 ta' Ottubru 1963 – Vol.47E. iii.1144) il-Qorti qalet li **hija biżżejjed il-possibbilta` ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet biex ikun hemm wiehed mill-presupposti tal- kundizzjonijiet ta' transazzjoni**. Dan il-pronunzjament iżda jidher li jinħtieġ ċerta kwalifikazzjoni. Tant li l-Qorti tal-Appell, in re: **Joseph Micallef noe vs Raymond Vella**[3] irriteniet illi l-kliem "**jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir" kellu jiġi sewwa meqjus.** Il-liġi ma titkellimx sempliciment dwar ftehim bejn il-partijiet biex jevitaw kawża jew biex jevitaw kawża li setgħet issir. Titkellem dwar kawża li tkun sejra ssir. Kliem li jimplika d- determinazzjoni tal-parti li kellha d-dritt li tagixxa biex tirrivendika l-jeddijiet tagħha u li tkun fil-punt li hekk tagħmel. Biex jokkorru allura l-elementi tal-kuntratt ta' transazzjoni kellu jirrizulta li bħala effett ta' dak il-ftehim, il- proceduri gudizzjarji li jkunu kjarament ser jigu inizjati jigu mwaqqfa li allura ma tinbediex. Hu għalhekk, kif sewwa ssottometta l-appellat, li l-gurisprudenza titkellem dwar **l-imminenza ta' kawża**. Skop ta' kuntratt ta' transazzjon*i hu dak li tiġi terminata kawża gja mibdija jew li tiġi evitata kawża imminenti. Ftehim bejn il-partijiet jikkonvjenu dwar oggett li fuqu ma hemm pendenti ebda kawża, jew li fuqu ma kien hemm ebda hsieb ta' kawża imminenti ma jikkostitwix transazzjoni kif kontemplata fil-liġi."*

[3] 8 ta' Marzu 1991 –Vol.LXXV.i.380

*(Vol.XLVI.II.668)".*

2. ***sagrifiċċju miż-żewġ partijiet***

**Ricci** jispjega l-frażi **b'xi ħaġa li jagħtu, iwiegħdu, jew iżommu:** *"il secondo da cio' che i pratici chiamano '**hinc inde remissum'**. Quest'altro elemento consiste in cio', che ciascuna delle parti deve dare, promettere o ritenere qualche cosa. **E' insomma il mutuo sacrificio cui entrambi le parti si assoggettano** nello scopo di terminare una lite o di evitarla, quello che costituisce la transazione e le imprime un carattere proprio per il quale va distinta da ogni altra convenzione".* Il-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1942 jgħid ċar u tond li "*La transazione e` il contratto col quale le parti, **facendosi reproche concessioni,** pongono fine ad una lite gia` cominciata o prevengono una lite che puo`sorgere…"*(Art. 1965).

**3. *transazzjoni f'sens iktar wiesa minn dak previst mil-liġi***

Min-naħa l-oħra, indubbjament il-liġi ma tesiġix, u mkien ma hemm provdut, li kull ftehim milħuq dwar vertenza ta' din ix-xorta kellu neċessarjament jiġi redatt bil-miktub u ffirmat mill-kontendenti *ad validitatem* u taħt piena ta' nullita`. **Il-liġi bl-ebda mod ma riedet tnaqqas il-valur tal-ftehim bonarju, sigillat bil-ftehim bil-fomm, taħt l-insenja ta' l-irġulija**. Il-liġi kienet tesiġi biss illi meta l-vertenza dwar drittijiet tkun tifforma l-mertu ta' kawża diga' mibdija jew li tkun sejra ssir, din kien jeħtieġ li ssir b'kitba taħt piena ta' nullita`biex tiġi assigurata ċ-ċertezza ta' prova li tali transazzjoni tkun verament sehhet u biex jigu kjarament stabbiliti t-termini tagħha. Dan proprju biex jiġi evitat li ftehim ta' din ix-xorta mhux kjarament espress jew jintralcja ulterjorment kawża ġa mibdija jew jipprovoka komplikazzjonijiet f'kawża li tkun sejra ssir. Il-liġi allura, f'dawn iċ-ċirkostanzi, tesiġi l-aħjar prova ta' l-obbligazzjonijiet assunti u tagħżel li tinjora bħala mhux eżistenti kull kompożizzjoni bonarja ta' vertenzi li ma jkunux bil-miktub. "Hu korrett l-appellant meta jissottometti li l-kelma tranżazzjoni fis-subinċiż 1 (d) ta' l-artikolu 1233 tal-Kodici Civili kellha tiġi mifhuma fid-

definizzjoni li l-liġi tagħti ta' din il-kelma *qua* forma ta' kuntratt fl-artikolu 1718. **Dan pero` ma jfissirx li kull ftehim iehor dwar pretiża ta' drittijiet ma setgħax isir u ma setgħax jiġi konkluż jekk mhux** ***in via*** **ta' transazzjoni fis-sens strett tal-kelma ppreċiżat bl-artikolu 1718.** Għall-kuntrarju dan hu għal kollox possibbli u seta' jsir u kien awspikat li jsir, salv pero` d-diffikulta` fil-każ ta' ftehim bil-fomm tal-prova ta' l-obbligazzjonijiet assunti li jkollha ssir f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar dak li effettivament kien ġie miftiehem. Il-liġi għalhekk tesiġi l-iskrittura biss fil-każ ta' transazzjoni milħuqa fit-termini stretti ta' l-artikolu 1718 in omaġġ tal-prinċipju *contra scriptum non est argumentum* u biex takkwista l-vantaġġ sħiħ ta' tali prinċipju. Dan pero`ma jipprekludix ftehim vinkolanti fil-liġi milħuq biex jiddetermina kwistjonijiet ta' pretiża ta' dritt li jsir bil-fomm meta ċ-ċirkostanzi ma jkunux strettament jinkwadraw ruhhom fil-parametri ta' dak l-artikolu. Parametri precizi li jesigu l-prova tal-kitba biss fil-każ ta' dawk il-kuntratti ta' transazzjoni, li "jagħtu tmiem għal kawża mibdija jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir." [4]

Illi għalhekk, ftehim wara ħabta bejn żewġ vetturi li  kien milħuq f'ċirkostanzi fejn l-ebda wiehed mill-partijiet involut fil- kollizjoni ma kellu l-intenzjoni li jipproċedi ġudizzjarjament jew *multo magis* fejn din l-eventwalita` tkun ġiet bħal fil- każ taħt eżami, espressament a mill-attrici tqies bħala validu[5] Dan għaliex is-subinċiż (d) ta' l-artikolu 1233 kien japplika għal kwalunkwe vertenza dwar jeddijiet li dwarha jintlaħaq ftehim. Ma kien hemm allura l-ebda sitwazzjoni fejn il-ftehim milħuq kellu jiġi *a priori* kwalifikat bħala transazzjoni fis-sens strett tal-liġi. L-element vitali li kellu każ jiġi pruvat kien dak ta' l-eżistenza ta' kawża jew ta' l-imminenza ta' kawża li tkun sejra ssir."

---

[4] Maria Attard v Francesco Camilleri MM – A.C. 30 ta' Gunju 2000, l-Onorabbli Qorti tal-Appell
[5] "Joseph Micallef noe v Raymond Vella" il-Qorti tal- Appell 8 ta' Marzu 1991 –Vol.LXXV.i.380

Ikkunsidrat:

Illi fil-każ preżenti, ma saret l-ebda transazzjoni fis-sens strett tal-kelma, mhux biss għaliex m'hemmx skrittura privata, imma wkoll għaliex (i) ma kienx hemm ftehim u (ii) ma kienx hemm sagrifiċċju reċiproku. Ċertament ma kien hemm l-ebda sagrifiċċju min-naħa tas-Segretarju Permanenti;

Illi jifdal għalhekk jiġi indagat jekk kienx hemm transazzjoni improprja, imfissra bħala rinunzja ta' dritt da parti tal-attriċi, fis-sens li aċċettat għas-saldu l-ħlas li sarilha. Jidher li huwa f'dan is-sens li saret l-eċċezzjoni, u f'dan is-sens ukoll fehemitha l-attriċi, anke kif uriet fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tagħha;

Illi kwistjonijiet bħal din jinqalgħu l-iktar meta jkun d-debitur joffri ħlas għas-saldu u l-kreditur jaċċetta l-ħlas. Skont **Apap v Gasan,** meta ċ-ċirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qiegħed isehh; meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'għandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora il-mod kif offert il-pagament u jaqbad minflok u jaccettah b'kondizzjonijiet u b'rizervi li intrinsikament u necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu[6]. Skont **Bonnici v Tonna**, l-izball jew injoranza tal-liġi bl-ebda mod ma jistgħu jiggustifikaw il-pretensjoni tal-konvenut li hu ħaseb li kellu kull dritt li jaccetta pagament għas-saldu bħala pagament akkont b'decizjoni unilaterali tiegħu u li seta' jagħmel dan sempliciment billi jikkomunika lid-debitur kif u taħt liema modalita' hu kien sarraf iċ-cheque. Pożizzjoni din legalment insostenibbli. [7]

Illi b'danakollu, ġurisprudenza iktar riċenti – ben rafforzata u kkompendjata mill-

[6] W. Apap vs J. Gasan Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Novembru 1986; Schembri Johann v Mifsud Charlot – QA.ps.19.10.2005

[7] Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza tagħha tal-24 ta' April 1992, fil-kawża fl-ismijiet Raymond Bonnici nomine v Horace Tonna

Qorti tal-Appell (Inferjuri) in re: **Attard v Fino**[8] taffiet il-pożizzjoni meħuda f'**Apap v Gasan** li l-Qorti tħoss li għandha tiċċita minnha dan il-bran estensiv stante s-siwi kbir tiegħu**:**

> "Din il-Qorti tistqarr rispettosament illi ma tistax taqbel ma' din il-posizzjoni rigida fis-sentenza citata. Il-prinċipju mhux assolut jew talment inflessibbli li ma jippermettix deroga minnu fiċ-ċirkostanzi kongruwi. Kif taraha din il- Qorti, f' każ fejn id-debitur ma jkunx hallas dak kollu pretiż mill-kreditur tiegħu, il-liberazzjoni tiegħu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tiegħu tista', għal fatt ta' dik id- dikjarazzjoni għas-saldu, tissussisti jekk miċ-ċirkostanzi li fiha sar il-ħlas tiġi dezunta l-espressjoni tal-volonta` tal- kreditur li huwa qed jirrinunzja għall-kumplament. Rinunzja din, li kif enuncjat f' bosta sentenzi, trid tkun wahda cara u univoka b' mod li mill-fatti ma tkunx tista' tingibed ttura ohra hlief il-propozitu evidenti tar- rinunzja. Ara a propozitu s-sentenza fl-ismijiet "**Michele Tabone *et* -vs- Emmanuele Sammut *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Ottubru, 1950;
>
> "Dan premess, il-kwestjoni sollevata hawnhekk gja ġiet drabi ohra eżaminata mill-gudikant sedenti f' kawzi ohra. Hekk fis-sentenza "**Johann Schembri *proprio et nomine* -vs- Charlot Mifsud *nomine***", Appell mit-Tribunal għal Talbiet Zgħar, 19 ta' Ottubru, 2005, din il-Qorti kif presjeduta, irravvisat illi, għalkemm in linea ta' massima hu prezunt li min jaccetta *cheque* lilu mibgħut fit-termini "*full and final settlement*", u jgħaddi biex isarrfu, jiġi li accetta dak il-ħlas f' dawk l-istess termini precizi, **eppure, jekk jiġi muri li huwa tempestivament ipprotesta għall- pagament b' dik il-modalita`, l-accettazzjoni minnu ta' dak iċ-*cheque* u s-sussegwenti tisrif tiegħu ma kellux, imbagħad, jiġi rinfaccjat lilu bħala xi abdikazzjoni tad-dritt tiegħu għal ħlas tal-bilanc dovut**;
>
> Gja qabel din id-decizjoni l-gudikant sedenti kien esprima l-fehma illi, għalkemm iċ-*cheque* f' dawk l-istess termini kien jikkostitwixxi rikonixximent tal-pagament u prova pjena tal-ħlas specifiku ta' somma determinata, l- interpretu ma għandux jeccedi l-limiti ta' dik l-konfessjoni mill-kreditur stabbilita bir-ricezzjoni u tisrif taċ-*cheque*. Zied jingħad illi għal skop ta' ċertezza morali jekk id- debitur kellu l-intenzjoni li l-ħlas b' dak iċ-*cheque* kellu jkun wiehed finali, hu **kien messu insista għal kwittanza shiha**

[8] Peter Attard v Lawrence Fino 28.03.2008, Qorti tal-Appell (Inferjuri) per Onor. Imħ. Philip Sciberras

**permezz ta' dokument jew riċevuta jew kitba xort' oħra attestanti r-ricezzjoni tal-ħlas għas-saldu,** u allura wkoll, l-estinzjoni tad-debitu. Ara "**Francis Ciantar *proprio et nomine* - vs- Norman Clews *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Ottubru, 2005;

"Tabilhaqq, il-pagament akkompanjat bid-dikjarazzjoni illi dan kien qed isir "għas-saldu" ma kienx biżżejjed biex jassolvi għal kollox ir-rapport kreditur-debitur u l-estinzjoni ta' l-obbligazjonijiet da parti tad-debitur. Dan irrikonoxxietu wkoll is-sentenza "**Agius Marble Works - vs- AX Construction Ltd**", Prim' Awla, Qorti Civili, 8 ta' Marzu, 2005 per Imhallef Giannino Caruana Demajo. Fiha ngħad illi l-ħruġ ta' riċevuta għas-saldu ma jzommx lil kreditur milli jitlob ħlas għal xogħlijiet li jkunu tħallew barra meta saru l-kontijiet li fuqhom sar il-ħlas";

Ikkunsidrat:

Illi fil-każ preżenti, ma kien hemm l-ebda riżerva jew xi tip ta' kundizzjoni da parti tad-debitur li kien qiegħed iħallas għas-saldu. Lanqas si tratta ta' ċekk li ssarraf mill-kreditriċi imma ta' pagament li daħal direttament fil-kont bankarju tagħha ad insaputa tagħha. Ma setgħetx aċċettat għas-saldu; ma setax kien hemm l-*idem placitum consensus* peress li għalkemm kienet konsapevoli li sar pagament, ma kinitx taf x'jirrapreżenta.

Illi l-konvenuti jsostnu li (i) l-aċċettazzjoni ma saritx taħt protesta u li (ii) l-attriċi lanqas ma ddepożitat l-ammont fir-Reġistru tal-Qorti.

Illi kwantu għall-ewwel kweżit, l-attriċi rreaġixxiet u pprotestat appena indunat li kienet irċeviet inqas arretrati milli kien irrakkomanda l-grievances unit. Ċertament ma kinitx taf mill-ewwel x'kien qiegħed jiġri billi lanqas biss kienet infurmata li d-deċiżjoni tal-*Grievances Unit* kienet ġiet modifikata mill-*Appeals Board*. Hija rċeviet il-*payslip* regolari tal-paga fis-7 ta' Settembru 2016 filwaqt li pprotestat mal-*Grievances Unit* fit-23 tal-istess xahar, iġifieri 16-il jum wara. Bejn is-7 ta' Settembru u t-23 ta' Settembru kienet qiegħdha titkixxef l-għala

rċeviet arretrati inqas milli kienu rrakkomandati. Għalhekk qajla jista' jingħad li l-attriċi qagħdet b'idejha fuq żaqqha u ma pprotestatx tempestivament;

Illi l-komportament tal-attriċi mhux konsistenti mal-espressjoni tal-volonta` tagħha li kienet qiegħdha tirrinunzja għall-kumplament. Dan iktar u iktar billi meta rċeviet il-ħlas tħalliet fl-għama dwar x'kien qiegħed jiġri partikolarment ir-reviżjoni mill-*Appeals Board.* Kif inhu ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna, ir-rinunzja trid tkun waħda ċara u univoka b'mod li mill-fatti ma tkunx tista' tinġibed konġettura oħra ħlief il-propożitu evidenti tar-rinunzja[9];

Illi kwantu għat-tieni kweżit, id-depożitu fir-reġistru mhuwiex *sine qua non* biex tiġi rreġistrata l-oġġezzjoni rilevanti[10]. Il-prinċipju mhux assolut u jvarja minn każ għal ieħor.[11] F'dan il-każ għalkemm m'għamlitx id-depożitu taħt l-awtorita` tal-Qorti, l-attriċi għamlet ferm ċara l-pożizzjoni tagħha;

Illi fl-aħħarnett il-Qorti tixtieq tirrimarka li hu ġeneralment aċċettat illi f'każ ta' dubju riferibilment għall-pagament dan għandu jkun riżolt favur l-attur-kreditur[12];

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħdha tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti l-oħrajn, u tordna l-prosegwiment tal-kawża. Spejjeż ta' din is-sentenza a kariku tal-konvenuti.

Moqrija

[9] Attard v Fino suċċitata
[10] Pineapple Media Limited v Johan Gauci 21.10.2016 Qorti tal-Appell
[11] Jason Pace vs Carmelo Borg – 09.01.2008 QA(PS)

[12] "Angelo Scicluna -vs-John Scerri", Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju 1951, konfermata in sede Appell fid-19 ta' Novembru 1951;

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA